SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

20 ta' Diċembru 2017*

"Appell – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Provvista ta' servizzi esterni dwar il-ġestjoni ta' programmi u ta' proġetti, kif ukoll ta' pariri tekniċi fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni – Proċedura ta' kaskata – Kunsiderazzjoni tas-sottokriterji fi ħdan il-kriterji tal-għoti – Prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza – Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni – Nuqqas ta' motivazzjoni – Telf ta' opportunità – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea – Talba għal ħlas ta' kumpens"

Fil-Kawża C-677/15 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fis-16 ta' Diċembru 2015

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn N. Bambara, bħala aġent, assistit minn P. Wytinck u B. Hoorelbeke, avocats,

rikorrent,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

European Dynamics il-Lussemburgu SA, stabbilita fil-Lussemburgu,

Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE, stabbilita f'Ateni (il-Greċja),

European Dynamics Belgium SA, stabbilita fi Brussell (il-Belġju),

irrappreżentati minn M. Sfyri, C.-N. Dede u D. Papadopoulou, dikigoroi,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, E. Juhász (Relatur), K. Jürimäe u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Ottubru 2015, European Dynamics Luxembourg *et* vs UASI, (T-299/11, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2015:757), li permezz tagħha din:

– annullat id-deċiżjoni tal-EUIPO (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), adottata fil-kuntest ta' proċedura miftuħa ta' sejħa għal offerti AO/021/10, intitolata "Servizzi esterni marbuta mal-ġestjoni ta' programmi u ta' proġetti u pariri tekniċi fl-qasam tat-teknoloġiji tal-infomatika" (iktar 'il quddiem is-"suq inkwistjoni") u u kkomunikata lil European Dynamics Luxembourg SA permezz ta' ittra tat-28 ta' Marzu 2011, li tikklassifika l-offerta tagħha fit-tielet post skont il-mekkaniżmu ta' kaskata għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratt qafas kif ukoll li tikklassifika l-offerti tal-Consortium Unisys SLU u Charles Oakes & Co. Sàrl, minn naħa, u ta' ETIQ Consortium (by everis u Trasys), min-naħa l-oħra, fl-ewwel u t-tieni post rispettivament, u

– ikkundannat lill-Unjoni għad-danni subiti minn European Dynamics Luxembourg SA abbażi tat-telf ta' opportunità li tingħata l-kuntratt qafas bħala l-ewwel kontraenti f'kaskata.

Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74), kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) tal-Kunsill Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 390, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"regolament finanzjarju"), jistabbilixxi r-regoli bażiċi li jirregolaw il-qasam baġitarju kollu għall-materji bħall-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

3 Għalhekk, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju, l-awtorità kontraenti għandha tikkomunika lill-kandidati jew lill-offerenti kollha li l-applikazzjonijiet jew l-offerti tagħhom ikunu ġew miċħuda bir-raġunijiet li abbażi tagħhom tkun ġiet miċħuda l-kandidatura jew l-offerta tagħhom, u lill-offerenti kollha li l-offerti tagħhom ikunu ammissibbli u wara li dawn ikunu għamlu talba bil-miktub, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi għall-offerta rebbieħa kif ukoll l-isem tal-offerent li lilu jkun ingħata l-kuntratt. Madankollu, it-tieni subparagrafu ta' dan l-istess paragrafu jipprovdi li l-komunikazzjoni ta' ċerti elementi tista' ma sseħħx jekk din tkun tostakola l-applikazzjoni tal-liġi, tkun tmur kontra l-interess pubbliku jew tkun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali leġittimi ta' impriżi pubbliċi jew privati jew tista' tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni leali ta' bejniethom.

4 L-Artikolu 149 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007 (ĠU L 56M, 29.2.2008, p. 337), jispeċifika l-obbligi imposti fuq l-awtorità kontraenti inkonnessjoni mal-informazzjoni tal-kandidati u tal-offerenti skont l-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju.

5 Skont l-Artikolu 115(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 341, p. 21) (iktar 'il

quddiem ir-"Regolament Nru 207/2009"), l-EUIPO huwa organu tal-Unjoni u għandu personalità ġuridika. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Uffiċċju jgawdi minn kapaċità ġuridika mill-iktar ampja li jgawdu minnha persuni ġuridiċi skont il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali. Huwa jista', b'mod partikolari, jakkwista u jiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u għandu *locus standi in judicio*.

6 Skont l-Artikolu 118(3) u (4) tar-Regolament Nru 207/2009, fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-EUIPO għandu jagħmel tajjeb, skont il-prinċipji ġenerali komuni fid-drittijiet tal-Istati Membri, għad-danni rrekati mid-dipartimenti tiegħu u mill-aġenti tiegħu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġurisdizzjoni fuq tilwimiet marbuta mar-riżarċiment ta' tali danni.

Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 1 sa 28 tas-sentenza appellata.

8 Wara dawn il-fatti, fis-6 ta' Ġunju 2011, European Dynamics Luxembourg, Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE u European Dynamics Belgium SA (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, "European Dynamics Luxembourg *et*") ippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali. Wara li rrinunzjaw għal wieħed mill-kapijiet tat-talbiet waqt is-seduta, dawn tal-aħħar talbu:

– l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn din tikklassifika l-offerta ta' European Dynamics Luxembourg fit-tielet post skont il-mekkaniżmu ta' kaskata;

– l-annullament tad-deċiżjonijiet l-oħra kollha konnessi tal-EUIPO, inklużi dawk li jattribwixxu l-kuntratt inkwistjoni lill-offerenti kklassifikati rispettivament l-ewwel u t-tieni fil-mekkaniżmu ta' kaskata;

– il-kundanna tal-EUIPO għal ħlas ta' kumpens fl-ammont ta' EUR 650 000 rappreżentanti d-danni subiti minnhom b'riżultat tat-telf ta' opportunità u l-effett ħażin għar-reputazzjoni u għall-kredibbiltà tagħhom, u

– il-kundanna tal-EUIPO għall-ħlas tal-ispejjeż.

9 Insostenn tal-talba tagħhom għal annullament, European Dynamics Luxembourg *et* invokaw tliet motivi. Permezz tal-ewwel motiv, huma jilmentaw li l-EUIPO kiser l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju u l-Artikolu 149 tar-Regolament Nru 2342/2002, kif emendat bir-Regolament Nru 478/2007, kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, billi rrifjuta li jagħtihom spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni suffiċjenti insostenn tad-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt. It-tieni motiv kien ibbażat fuq "ksur tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt", billi, bi preġudizzju għalihom, l-EUIPO kien adotta kriterju ġdid ta' għoti u kunsiderazzjoni ġdida ta' sottokriterji ta' għoti li ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Skont it-tielet motiv, European Dynamics Luxembourg *et* jilmentaw li l-EUIPO wettaq diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

10 Il-Qorti Ġenerali suċċessivament eżaminat it-tieni, it-tielet u l-ewwel motivi insostenn tar-rikors għal annullament.

11 Qabelxejn, fil-kuntest tal-eżami tat-tieni motiv, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 48 tas-sentenza appellata, li l-kummenti negattivi tal-EUIPO fuq l-offerta ta' European Dynamics Luxembourg li l-offerti li kienu akkwistaw punteġġ aħjar taħt l-ewwel kriterju ta' għoti "kienu identifikaw il-ġestjoni tal-bidla u tal-komunikazzjoni bħala l-iktar żewġ kompiti essenzjali għas-suċċess tal-proġett", juri li l-EUIPO kien wettaq evalwazzjoni tas-sottokriterji differenti fl-ewwel kriterju ta' għoti. Fil-punt 53 ta'

din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, billi din l-evalwazzjoni la kienet prevista mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u lanqas ikkomunikata minn qabel lill-offerenti, l-EUIPO kien kiser, għad-detriment ta' European Dynamics Luxembourg *et*, il-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza. Għaldaqstant, fil-punt 55 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kienet laqgħet parzjalment it-tieni motiv.

12 Imbagħad, fil-kuntest tal-eżami tat-tielet motiv, il-Qorti Ġenerali qieset li ċerti kummenti negattivi esposti mill-EUIPO f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-offerta ta' European Dynamics Luxembourg taħt l-ewwel u t-tieni kriterji ta' għoti huma vvizzjati minn żball manifest ta' evalwazzjoni. Minn naħa, hija kkonstatat, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, li, peress li dawn il-kummenti negattivi esposti fl-imsemmi punt kienu vvizzjati minn ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza, din is-sentenza stess neċessarjament kienet ukoll ivvizzjata minn ksur manifest ta' evalwazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 102 ta' din is-sentenza, li l-kummenti negattivi, li skonthom hija ma ppreżentat "l-ebda eżempju ta' prodott li għandu jiġi pprovdut", dawn ukoll kienu vvizzjati minn żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn ma kienu bl-ebda mod appoġġjati mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Konsegwentement, hija laqgħet it-tielet motiv fir-rigward tal-ilmenti diretti kontra l-istess kummenti negattivi, u ċaħditu fil-kumplament tiegħu.

13 Barra minn hekk, dejjem fil-kuntest tal-eżami tat-tielet motiv, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 86, 89 u 95 tas-sentenza appellata, li diversi kummenti negattivi oħra tal-EUIPO marbuta mal-evalwazzjoni tal-offerta ta' European Dynamics Luxembourg fir-rigward tal-ewwel kriterju ta' għoti kienu vvizzjati minn nuqqas ta' motivazzjoni fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju, tant li l-Qorti Ġenerali ma kinitx f'pożizzjoni li tivverifika l-eżistenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni marbuta ma' dawn il-kummenti.

14 Fl-aħħar nett, wara l-eżami tal-ewwel motiv, u wara li, fil-punt 134 tas-sentenza appellata, għamlet riferiment għall-evalwazzjonijiet li hija kkunsidrat mhux immotivati suffiċjentement fil-kuntest tal-eżami tat-tielet aggravju, fil-punt 135 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-deċiżjoni kontenzjuża fiha diversi nuqqasijiet ta' motivazzjoni.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 136 tas-sentenza appellata, qieset li kien hemm lok li tiġi annullata d-deċiżjoni kontenzjuża fl-intier tagħha.

16 Insostenn tat-talba tagħhom għad-danni, kif jirriżulta mill-punt 137 tal-istess sentenza, European Dynamics Luxembourg *et* kienu talbu l-kumpens, minn naħa, għat-telf tal-opportunità li jikkonkludu l-kuntratt inkwistjoni bħala offerent ikklassifikat fl-ewwel post, u, min-naħa l-oħra, għad-danni morali subiti minħabba l-preġudizzju għar-reputazzjoni u l-kredibbiltà tagħhom.

17 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li kienu ssodisfatti l-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, peress li l-illegalitajiet sostanzjali li hija kienet ikkonstatat kienu ta' natura li jaffettwaw il-probabbiltà li l-offerta ta' European Dynamics Luxembourg tiġi kklassifikata fl-ewwel jew fit-tieni pożizzjoni fil-mekkaniżmu ta' kaskata.

18 Madankollu, hija qieset li ma kienx neċessarju li tiġi vverifikata l-eżistenza ta' preġudizzju għar-reputazzjoni u għall-kredibbiltà ta' European Dynamics Luxembourg *et* peress li l-annullament tad-deċiżjoni ta' għoti kien bħala prinċipju suffiċjenti sabiex jiġi rrimedjat il-preġudizzju kkawżat minn tali ksur. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment it-talba għad-danni u stiednet lill-partijiet jaqblu fuq l-ammont li għandu jitħallas.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

19 Bl-appell tiegħu l-EUIPO jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata u tiċħad it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll it-talba għall-ħlas tad-danni ppreżentati fl-ewwel istanza;

– sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

– b'mod iktar sussidjarju, tannulla s-sentenza appellata, sa fejn din tikkundanna lill-Unjoni għall-ħlas tad-danni subiti minn European Dynamics Luxembourg *et*, u

– tikkundanna lil European Dynamics Luxembourg *et* għall-ispejjeż tal-istanza.

20 European Dynamics Luxembourg *et* jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Fuq l-appell

21 Insostenn tal-appell tiegħu, l-EUIPO jinvoka erba' aggravji, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni, it-tieni wieħed, fuq żbalji ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża minħabba żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju, moqri flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u, ir-raba' wieħed, fuq żball ta' liġi u fuq nuqqas ta' motivazzjoni sa fejn is-sentenza appellata laqgħet it-talba għad-danni mressqa minn European Dynamics Luxembourg *et*.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

22 L-EUIPO jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi qieset li l-introduzzjoni preżunta ta' fatturi ġodda ta' kunsiderazzjoni inkonnessjoni mal-ewwel kriterju ta' għoti wasslet għal inosservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza. Huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li d-deċiżjoni kontenzjuża kisret dawn il-prinċipji sa fejn l-evalwazzjoni tal-offerta ta' European Dynamics Luxembourg twettqet, taħt l-ewwel kriterju ta' għoti, fid-dawl ta' fatturi ta' evalwazzjoni ta' sottokriterji fi ħdan l-imsemmi kriterju li ma jirriżultawx mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u ma ġewx ikkomunikati lill-offerenti. Skont l-EUIPO, l-evalwazzjoni li saret fil-punt 53 tas-sentenza appellata, li tistabbilixxi "rabta kawżali awtomatika" bejn l-introduzzjoni ta' dawn il-fatturi ta' kunsiderazzjoni u l-ksur ta' dawn prinċipji, hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, barra minn hekk, ma hijiex immotivata suffiċjentement. B'mod partikolari, f'dan ir-rigward, l-EUIPO jagħmel riferiment għas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2005, ATI EAC e Viaggi di Maio *et* (C-331/04, EU:C:2005:718).

23 Skont European Dynamics Luxembourg *et*, peress li l-EUIPO ma sostniex quddiem il-Qorti Ġenerali li fatturi ta' kunsiderazzjoni li ma humiex inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ma afettwawx il-preparazzjoni tal-offerti, tali argument, li jallega li l-Qorti Ġenerali ma vverifikatx jekk

l-introduzzjoni ta' dawn il-fatturi kinitx tbiddel id-drittijiet ta' European Dynamics Luxembourg *et*, imqajjem għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell odjern, huwa wieħed ġdid u għaldaqstant inammissibbli.

24 Fi kwalunkwe każ, dan l-aggravju huwa infondat. European Dynamics Luxembourg *et* essenzjalment isostnu li l-Qorti Ġenerali fil-fatt ikkonformat ruħha mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja invokata mill-EUIPO, sa fejn, anki jekk dan ma ċċitatux, hija kkonstatat li l-introduzzjoni mingħajr komunikazzjoni minn qabel tal-imsemmija fatturi ta' kunsiderazzjoni kienet tippreġudikahom.

25 Fl-aħħar, European Dynamics Luxembourg *et* iqisu li s-sentenza appellata hija mmotivata sal-grad rikjest mil-liġi, peress li l-Qorti Ġenerali ma kinitx f'pożizzjoni li twettaq eżami sħiħ preċiżament peress li l-EUIPO għamel biss kummenti vagi u li d-deċiżjoni kontenzjuża ma tinkludix argumenti plawżibbli u ta' raġunament validu.

Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

26 Qabelxejn, hemm lok li titwarrab l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn European Dynamics Luxembourg *et*.

27 Fil-fatt, l-EUIPO huwa intitolat jippreżenta appell li jinkludi aggravji, li jirriżultaw mis-sentenza appellata stess, li huma intiżi li jikkritikaw il-fondatezza ta' din tal-aħħar.

28 Issa, permezz tal-argumenti tiegħu, li l-inammissibbiltà tagħhom hija allegata minn European Dynamics Luxembourg *et*, l-EUIPO jikkritika bħala punt ta' liġi, il-fondatezza tas-soluzzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2007, Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni, C-176/06 P, mhux ippubblikata, EU:C:2007:730, punt 17).

29 Fir-rigward tal-eżami fil-mertu tal-ewwel aggravju, permezz ta' dan tal-aħħar, l-EUIPO essenzjalment jilmenta li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, imsemmija fil-punt 48 tas-sentenza appellata, u ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punt 53 tal-imsemmija sentenza, li l-EUIPO kien introduċa b'mod illegali fatturi ta' kunsiderazzjoni għas-sottokriterji taħt l-ewwel kriterju ta' għoti.

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

31 Ċertament, il-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza tal-proċeduri ta' għoti jimplikaw għall-awtoritajiet kontraenti l-obbligu li jżommu mal-istess interpretazzjoni tal-kriterji ta' għoti matul il-proċedura kollha (sentenzi tat-18 ta' Ottubru 2001, SIAC Construction, C-19/00, EU:C:2001:553, punt 43, kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-226/09, EU:C:2010:697, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 B'hekk, awtorità kontraenti ma tistax tapplika regoli ta' kunsiderazzjoni jew sottokriterji għall-kriterji ta' għoti li ma jkunux inġabu għall-konjizzjoni minn qabel tal-offerenti (sentenza tal-24 ta' Jannar 2008, Lianakis *et*, C-532/06, EU:C:2008:40, punt 38).

33 Madankollu, awtorità kontraenti tista' tiddetermina, wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tal-offerti, koeffiċjenti ta' kunsiderazzjoni għas-sottokriterji li jkunu jikkorrispondu essenzjalment għall-kriterji li jkunu nġabu minn qabel għall-konjizzjoni tal-offerenti. Madankollu, din id-determinazzjoni *a posteriori* għandha tkun tissodisfa tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, li fl-ewwel lok, ma għandhiex temenda l-kriterji ta' għoti tal-kuntratt iddefiniti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jew fl-avviż tal-kuntratt; fit-tieni lok, hija ma għandhiex ikollha elementi li, kieku kienu magħrufa matul il-preparazzjoni tal-offerti, setgħu jinfluwenzaw din il-preparazzjoni u, fit-tielet lok, hija ma għandhiex tkun ġiet adottata b'teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi li jistgħu jkollhom effett diskriminatorju

fil-konfront ta' wieħed mill-offerenti.(ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Novembru 2005, ATI EAC e Viaggi di Maio *et*, C-331/04, EU:C:2005:718, punt 32; tal-21 ta' Lulju 2011, Evropaïki Dynamiki vs EMSA, C-252/10 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:512, punti 32 u 33, kif ukoll tal-14 ta' Lulju 2016, TNS Dimarso, C-6/15, EU:C:2016:555, punt 26).

34 F'dan il-każ, il-konstatazzjonijiet kontenzjużi kienu jikkonċernaw l-introduzzjoni ta' kunsiderazzjoni għal sottokriterji fi ħdan wieħed mill-kriterji ta' għoti li ma kinitx prevista mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u lanqas ikkomunikata minn qabel lill-offerenti, fatt li ma huwiex ikkontestat mill-EUIPO. B'hekk, fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx validament tikkonstata l-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza qabel ma kienet eżaminat minn qabel jekk kinitx ġiet invokata u stabbilita quddiemha l-inosservanza ta' dawn it-tliet kundizzjonijiet.

35 Peress li l-Qorti Ġenerali naqset milli tivverifika, qabel ma ddikjarat bħala fondat it-tieni lment tat-tieni motiv tar-rikors fl-ewwel istanza, jekk fil-każ odjern kinux issodisfatti dawn it-tliet kundizzjonijiet, żviluppati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jeħtieġ li jintlaqa' l-ewwel aggravju, mingħajr il-bżonn li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-argument tal-EUIPO, li l-Qorti Ġenerali ma osservatx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta kkonstatat li l-introduzzjoni ta' fatturi ta' evalwazzjoni tas-sottokriterji inkwistjoni kienet tagħti lok għal ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza.

36 Peress li l-motiv fil-punt 53 tas-sentenza appellata kien ivvizzjat minn żball ta' liġi, hemm lok li jiġi rrilevat li, bħala konsegwenza, kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 49 tal-konklużjonijiet tiegħu, is-sentenza appellata hija wkoll ivvizzjata minn żball ta' liġi ieħor, sa fejn il-Qorti Ġenerali, billi laqgħet id-disa' lment tal-ewwel parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza, ikkonstatat żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-ewwel kriterju ta' għoti inkwistjoni. Fil-fatt, jekk il-punti 91 u 96 ta' dik is-sentenza ma jistgħux ikunu bbażati fuq dan il-motiv allura huma nieqsa minn kull motivazzjoni. Issa, tali insuffiċjenza ta' motivazzjoni tikkostitwixxi kwistjoni ta' ordni pubbliku li għandha titqajjem *ex officio* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni, C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Fuq it-tieni aggravju u t-tieni parti tat-tielet aggravju

37 Jeħtieġ li t-tieni aggravju u t-tieni parti tat-tielet aggravju tal-EUIPO jiġu ttrattati konġuntement.

L-argumenti tal-partijiet

38 Permezz tat-tieni aggravju, l-EUIPO jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 136 tas-sentenza appellata moqri flimkien mal-punt 121 tagħha, li l-allegati żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, ikkonstatati minnha fil-punti 91, 95, 96 u 97 sa 103 tad-deċiżjoni kontenzjuża, kienu jiġġustifikaw l-annullament tas-sentenza appellata. Huwa jsostni li mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali stess jirriżulta li huwa r-rikorrent li għandu juri li żball manifest ta' evalwazzjoni inċida fuq ir-riżultat finali tal-proċedura ta' għoti, fatt li għandu jiġi eżaminat mill-Qorti Ġenerali. L-EUIPO isostni li għalkemm din il-ġurisprudenza kienet relattiva għal nuqqas ta' motivazzjoni, hija tapplika wkoll għall-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

39 B'hekk, il-Qorti Ġenerali kien imissha eżaminat jekk l-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni inkwantu l-ewwel u t-tieni kriterju ta' għoti abbażi tal-evalwazzjoni tal-offerta ta' European Dynamics Luxembourg biddlux b'mod sostanzjali jew le ir-riżultat tal-proċedura ta' għoti tal-kuntratt inkwistjoni u, għaldaqstant, jekk kienx hemm lok li tiġi annullata jew le d-deċiżjoni kontenzjuża. Madankollu, skont l-EUIPO, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk, fl-assenza tal-imsemmija żbalji ta'

evalwazzjoni, din l-offerta setgħetx tiġi kklassifikata fl-ewwel jew fit-tieni post fil-mekkaniżmu ta' kaskata. Għaldaqstant, billi qieset li l-allegati żbalji ta' evalwazzjoni kienu jikkostitwixxu motiv suffiċjenti għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

40 Fir-rigward tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni marbut mat-tieni kriterju ta' għoti, ikkonstatat fil-punt 103 tas-sentenza appellata, l-EUIPO jallega essenzjalment li l-Qorti Ġenerali ma vverifikatx jekk dak l-iżball inċidiex fuq ir-riżultat tad-deċiżjoni kontenzjuża permezz ta' eżami tal-punt dwar jekk l-evalwazzjoni tal-kriterji ta' għoti mhux ivvizzjati bi żball ta' liġi kinitx waħidha suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-klassifikazzjoni attribwita lill-offerta ta' European Dynamics Luxembourg.

41 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju, l-EUIPO jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli annullat dik id-deċiżjoni minħajr ma vverifikat jekk in-nuqqasijiet ta' motivazzjoni kkonstatati fil-punti 86, 89, 95 u 135 tal-imsemmija sentenza kinux suffiċjenti, fihom infushom jew flimkien mal-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni li hija nnutat ukoll, sabiex jibdlu dak ir-riżultat.

42 Insostenn tat-tieni aggravju u tat-tieni parti tat-tielet aggravju tiegħu, l-EUIPO jinvoka żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti Ġenerali.

43 Minn naħa, l-EUIPO jallega li, meta l-Qorti Ġenerali tikkonstata insuffiċjenza ta' motivazzjoni li tivvizzja deċiżjoni ta' għoti ta' kuntratt, dik id-deċiżjoni tista' tiġi annullata għal din ir-raġuni biss meta li l-elementi l-oħra tal-imsemmija deċiżjoni, li ma jkunux ivvizzjati minn tali irregolarità, ma jkunux suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw dik id-deċiżjoni (sentenza tal-10 ta' April 2014, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-340/09, mhux ippubblikata, EU:T:2014:208, punti 115 u 116). Skont l-EUIPO, l-approċċ żviluppat f'dik is-sentenza għandu jiġi applikat b'analoġija meta l-Qorti Ġenerali tikkonstata żball manifest ta' evalwazzjoni li jivvizzja deċiżjoni ta' għoti.

44 Min-naħa l-oħra, l-EUIPO jsostni li, meta l-punteġġ mogħti lil offerta abbażi ta' kriterju ta' għoti partikolari jkun ibbażat fuq diversi kummenti negattivi, li fosthom wieħed minnhom jew iktar ikunu vvizzjati minn żball manifest ta' evalwazzjoni, dan il-punteġġ u l-evalwazzjoni li fuqhom ikun imsejjes ma jkunux ivvizzjati minn tali żball jekk l-imsemmi punteġġ ikun imsejjes ukoll fuq kummenti mhux suġġetti għal żbalji manifesti ta' evalwazzjoni (sentenza tas-26 ta' Settembru 2014, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-498/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:831, punti 196 u 197).

45 Skont l-EUIPO, fil-każ ineżami, il-punteġġ mogħti taħt l-ewwel kriterju ta' għoti u dak mogħti taħt it-tieni kriterju ta' għoti kienu bbażati fuq kumment negattiv wieħed iżda fuq diversi kummenti negattivi u pożittivi li ġew meqjusa mill-Qorti Ġenerali bħala li ma humiex ivvizzjati minn żball manifest ta' evalwazzjoni jew li, peress ma ssemmewx fir-rikors, ma ġewx eżaminati. Huwa jqis li konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kien imissha vverifikat jekk dawn il-kummenti l-oħra kinux waħidhom suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-punteġġ mogħti mill-awtorità kontraenti lill-kriterju ta' għoti kkonċernat.

46 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju tiegħu, l-EUIPO jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta annullat id-deċiżjoni kontenzjuża minħajr ma vverifikat jekk in-nuqqasijiet ta' motivazzjoni kkonstatati fil-punti 86, 89, 95, 134 u 135 tas-sentenza appellata kinux suffiċjenti, waħidhom jew flimkien mal-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni wkoll irrilevati minnha, sabiex effettivament jibdlu r-riżultat finali tal-proċedura ta' għoti.

47 European Dynamics Luxembourg *et* iħaddnu l-opinjoni li t-tieni aggravju u t-tieni parti tat-tielet aggravju tal-EUIPO ma humiex fondati.

Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

48 Fir-rigward tat-tieni aggravju, qabelxejn, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-effetti ta' żball manifest ta' evalwazzjoni relattiv għall-ewwel kriterju ta' evalwazzjoni, peress li mill-eżami tal-ewwel aggravju jirriżulta li tali żball ma kellux jiġi kkonstatat mill-Qorti Ġenerali.

49 Fir-rigward tal-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-effetti fuq il-validità tad-deċiżjoni ta' għoti, minn naħa, tan-nuqqasijiet fil-motivazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni relattiv għat-tieni kriterju ta' għoti, ikkonstatat fil-punt 103 tas-sentenza appellata, jeħtieġ li jiġi rrilevat li insuffiċjenza ta' motivazzjoni jew żball manifest ta' evalwazzjoni relattiv għal kriterju ta' għoti ma jiġġustifikawx l-annullament ta' deċiżjoni ta' għoti meta din tkun tinkludi elementi oħra li jkunu waħidhom suffiċjenti sabiex jirfduha mill-perspettiva legali.

50 F'tali ipoteżi, l-aggravji bbażati fuq dawn l-irregolaritajiet huma ineffettivi (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Il-Kummissjoni u Franza vs TF1, C-302/99 P u C-308/99 P, EU:C:2001:408, punt 27, kif ukoll tas-26 ta' April 2007, Alcon vs UASI, C-412/05 P, EU:C:2007:252, punt 41).

51 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li, permezz tat-tieni aggravju u tat-tieni parti tat-tielet aggravju tiegħu, l-EUIPO sempliċement isostni li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza tagħha stess u li l-irregolaritajiet li hija kkonstatat ma biddlux ir-riżultat tad-deċiżjoni kontenzjuża.

52 B'mod partikolari, l-EUIPO ma jispjegax u ma jistabbilixxix li, fil-każ odjern, id-deċiżjoni kontenzjuża ma setgħetx tkun iktar favorevoli għal European Dynamics Luxembourg anki fl-assenza tal-irregolaritajiet differenti kkonstatati mill-Qorti Ġenerali.

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-EUIPO ma għandux bażi fuq xiex jallega li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk l-iżball ta' evalwazzjoni relattiv għat-tieni kriterju ta' għoti u n-nuqqasijiet ta' motivazzjoni kkonstatati minnha fir-rigward tad-deċiżjoni kontenzjuża setgħux jinċidu fuq id-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni.

54 Konsegwentement, jeħtieġ li jitwarrab it-tieni aggravju u t-tieni parti tat-tielet aggravju tal-EUIPO.

Fuq l-ewwel u t-tielet parti tat-tielet aggravju

Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

55 Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-EUIPO jallega li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni li jinkombi lill-awtorità kontraenti skont l-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju. Billi eżaminat b'mod separat kull wieħed mill-kummenti tal-kumitat ta' evalwazzjoni u billi injorat il-kuntest iktar wiesa' tal-evalwazzjoni li dawn jifformaw parti minnha, il-Qorti Ġenerali attribwixxiet lil dan l-obbligu kontenut iktar strett minn dak stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 21 tas-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (C-629/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:617), sentenza msemmija fil-punt 129 tas-sentenza appellata. Skont dik il-ġurisprudenza, l-awtorità kontraenti ma hijiex obbligata li tipprovdi lill-offerent eskluż la sommarju ddettaljat tal-mod li fih kull parti mill-offerta tagħha kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni u lanqas analiżi komparattiv tal-offerta tiegħu u tal-offerta magħżula.

56 European Dynamics Luxembourg *et* isostnu li din il-parti tat-tielet aggravju ma hijiex fondata.

– *Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

57 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tielet aggravju tal-appell, hemm lok li jiġi eżaminat jekk, permezz tar-raġunijiet inklużi fil-punti 81 sa 86, 87 sa 89 u 90 sa 95 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali applikatx rekwiżiti iktar stretti minn dawk li jirriżultaw mis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (C-629/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:617).

58 Jeħtieġ li jitfakkar li fil-punti 20 sa 22 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju, l-awtorità kontraenti għandha tikkomunika lill-kandidati jew lill-offerenti kollha li l-applikazzjonijiet jew l-offerti tagħhom ikunu ġew miċħuda bir-raġunijiet li abbażi tagħhom tkun ġiet miċħuda il-kandidatura jew l-offerta tagħhom, u lill-offerenti kollha li l-offerti tagħhom ikunu ammissibbli u wara li dawn ikunu għamlu talba bil-miktub, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi għall-offerta rebbieħa kif ukoll l-isem tal-offerent li lilu jkun ingħata il-kuntratt. Madankollu, ma jistax jiġi rikjest mill-awtorità kontraenti li din tibgħat lill-offerent li l-offerta tiegħu ma tkunx intgħażlet, minn naħa, minbarra l-motivi taċ-ċaħda ta' din tal-aħħar, sinteżi ddettaljat tal-mod kif kull dettall tal-offerta tiegħu ttieħed inkunsiderazzjoni abbażi tal-evalwazzjoni ta' din tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-komunikazzjoni tal-karatteristiċi u tal-vantaġġi marbuta mal-offerta magħżula, analiżi komparattiv fid-dettall ta' din tal-aħħar u tal-offerta tal-offerent eskluż. Bl-istess mod, l-awtorità kontraenti ma hijiex obbligata li tipprovdi lill-offerent eskluż, fuq talba bil-miktub ta' dan tal-aħħar, kopja sħiħa tar-rapport ta' evalwazzjoni.

59 Barra minn hekk, il-motivazzjoni rikjesta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari skont il-kontenut tal-att u n-natura tal-motivi invokati. Ma huwiex mitlub li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-formulazzjoni ta' dan l-att, imma wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2017, Anagnostakis vs Il-Kummissjoni, C-589/15 P, EU:C:2017:663, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Qabelxejn, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-elementi ta' kritika fformulati mill-EUIPO dwar ir-raġunament inkluż fil-punti 90 sa 95 tas-sentenza appellata, relattiv għall-eżami tad-disa' lment tal-ewwel parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza.

61 Fil-fatt, ġie deċiż, fil-punt 36 ta' din is-sentenza, li l-punti 48 sa 55 tas-sentenza appellata huma vvizzjati minn żball ta' liġi u li, ġaladarba ma jistgħux ikunu msejsa fuq dawn il-punti, allura l-punti 91 u 96 tas-sentenza appellata, huma infondati. Konsegwentement, ġie deċiż f'dak l-istess punt ta' din is-sentenza li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali laqgħet id-disa' lment tal-ewwel parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza, billi kkonstatat żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-ewwel kriterju ta' għoti inkwistjoni.

62 Sussegwentement, fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet inklużi fil-punti 81 sa 86 tas-sentenza appellata, hemm lok li jitfakkar li, permezz tas-sitt ilment tal-ewwel parti tat-tielet motiv tar-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, European Dynamics Luxembourg *et* ikkontestaw l-evalwazzjoni tal-EUIPO li kull wieħed mill-proġetti ma kienx jirrikjedi amministratur ta' programm, amministratur prinċipali ta' proġett u amministratur ta' proġett.

63 Wara eżami ta' din l-ilment, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 85 u 86 tas-sentenza appellata, li kellha tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' nuqqas ta' motivazzjoni fuq dan il-punt fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 100(2) tar-regolament finanzjarju ġenerali, fid-dawl tan-nuqqas ta' preċiżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u tan-natura suċċinta u vaga tad-deċiżjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni, li flimkien kienu jirrendu impossibbli l-verifika tal-plawżibbiltà tal-kritika tal-EUIPO, diretta kontra l-inklużjoni ta' amministratur prinċipali tal-proġett u wkoll ta' amministratur tal-proġett fl-offerta ta' European Dynamics Luxembourg.

64 Issa, l-EUIPO ma jispjegax kif il-Qorti Ġenerali applikat sabiex tasal għal din il-konklużjoni, test iktar strett minn dak li jirriżulta mill-ġurisprudenza indikata fil-punti 57 sa 59 ta' din is-sentenza.

65 Fl-aħħar, fil-kuntest tar-raġunament inkluż fil-punti 87 sa 89 tas-sentenza appellata, iddedikat għall-eżami tat-tmien ilment tal-ewwel parti tat-tielet motiv invokat fl-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, li l-kummenti finali tal-kumitat ta' evalwazzjoni, li "[l-]globalità tal-offerta hija operazzjonali ħafna minflok strateġika u tiffoka fuq tip ieħor ta' amministratur tal-proġett differenti minn dak previst mill-[EUIPO]", ma kinux jinftehmu u li, b'mod partikolari, id-dikjarazzjoni li l-EUIPO kien jipprevedi "tip ieħor ta' amminstrazzjoni tal-proġett" kienet tikkostitwixxi kritika vaga u għaldaqstant mhux verifikabbli.

66 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat, minn naħa, li l-EUIPO ma jikkontestax li huwa invoka, matul il-pendenzi quddiem il-Qorti Ġenerali, argument wieħed biss f'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punt 88 tas-sentenza appellata.

67 Min-naħa l-oħra, l-EUIPO lanqas ma jikkontesta l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-assenza ta' kriterji suffiċjentement ċari u preċiżi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt kif ukoll dwar in-natura suċċinta u vaga tad-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

68 Għaldaqstant ma ġiex stabbilit quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

69 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 77 u 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-elementi prodotti insostenn tal-appell odjern ma jpoġġux f'dubju l-fatt li l-Qorti Ġenerali eżaminat il-kummenti tal-kumitat ta' evalwazzjoni, ikkontestati fir-rikors tal-ewwel istanza kemm separatament kif ukoll fil-kuntest globali tal-evalwazzjoni tal-offerta kkonċernata, u li din tal-aħħar ma rrikjedietx mill-EUIPO li dan jipprovdi sinteżi ddettaljat tal-mod kif kull dettall ta' din l-offerta ttieħed inkunsiderazzjoni u lanqas analiżi komparattiv iddettaljat ta' din tal-aħħar u tal-offerti li kklassifikaw f'postijiet inqas għolja.

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tielet parti tat-tielet aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

71 Permezz tat-tielet parti tat-tielet motiv tiegħu, l-EUIPO jsostni li s-sentenza appellata tinkludi kontradizzjoni sa fejn, minn naħa, fil-kuntest tal-eżami tat-tielet motiv tar-rikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 112 sa 115 u 121 ta' din is-sentenza, ma kkonstatat l-ebda żball manifest ta' evalwazzjoni u lanqas nuqqas ta' motivazzjoni li tivvizzja l-evalwazzjoni tal-offerta ta' European Dynamics Luxembourg fir-rigward tar-raba' kriterju ta' għoti u, min-naħa l-oħra, skont l-eżami tal-ewwel motiv ta' dan ir-rikors, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 134 u 135 tal-imsemmija sentenza, li ma kinitx f'pożizzjoni li tistħarreġ il-legalità sostanzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward ta' din l-evalwazzjoni, b'tali mod li dik id-deċiżjoni kienet ivvizzjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni.

72 European Dynamics Luxembourg *et* iħaddnu l-opinjoni li din il-parti tat-tielet aggravju ma hijiex fondata.

– *Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

73 Ċertament, il-Qorti Ġenerali ssemmi, fl-ewwel sentenza tal-punt 134 tas-sentenza appellata, ir-raba' kriterju ta' għoti, minkejja li qieset fil-punti 112 sa 115 u 121 ta' din is-sentenza li l-EUIPO ma kienx wettaq żball ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward.

74 Madankollu, il-punti 134 u 135 tas-sentenza appellata jinkludu biss konklużjoni waħda bbażata fuq il-punti 81 sa 86, 87 sa 89, u 90 sa 95 tas-sentenza appellata, li jirrigwardaw l-eżami tal-ilmenti marbuta mal-ewwel kriterju ta' għoti.

75 B'hekk, l-ilment tal-EUIPO marbut mar-raġunament tal-Qorti Ġenerali żviluppat fil-punti 112 sa 115 u 121 tas-sentenza appellata, minn naħa, u fil-punti 134 u 135 ta' din is-sentenza, min-naħa l-oħra, ma jinċidux fuq id-dispożittiv tal-imsemmija sentenza, b'tali mod li t-tielet parti tat-tielet aggravju għandha titqies bħala ineffettiva.

76 Għaldaqastant l-ewwel u t-tielet partijiet tat-tielet aggravju għandhom jiġu miċħuda.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

77 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-EUIPO jsostni li ma hijiex issodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, peress li l-konstatazzjoni li d-deċiżjoni kontenzjuża hija vvizzjata minn illegalità hija msejsa fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ġiet ikkonstatata b'mod żbaljat mill-Qorti Ġenerali.

78 Sussidjarjament, l-EUIPO jallega li, fl-eventwalità li s-sentenza appellata tiġi annullata biss sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla dik is-sentenza wkoll f'dak li jikkonċerna r-riżarċiment tad-danni mġarrba minn European Dynamics Luxembourg *et*. Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mill-punti 142 u 143 tas-sentenza appellata, ma kinitx teżisti rabta kawżali bejn in-nuqqasijiet ta' motivazzjoni kkonstatati mill-Qorti Ġenerali u dawn l-allegati danni. Min-naħa l-oħra sa fejn il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-effett tal-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni kkonstatati fil-punti 91 u 102 tas-sentenza appellata fuq ir-riżultat finali tal-proċedura ta' għoti, hija ma mmotivatx suffiċjentement il-konklużjoni, li tidher fil-punt 144 ta' dik is-sentenza, li teżisti rabta kawżali bejn dawn l-iżbalji u l-imsemmija danni.

79 Permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-EUIPO jsostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni għaliex tinkludi kontradizzjoni bejn, minn naħa, il-motivi esposti fil-punti 144, 146 u 150 ta' dik is-sentenza, u, min-naħa l-oħra, il-punt 2 tad-dispożittiv ta' dik is-sentenza. Fil-fatt, filwaqt li dawn il-motivi jidentifikaw id-danni mġarrba minn European Dynamics Luxembourg bħala t-telf ta' opportunità li tiġi kklassifikata fl-ewwel jew fit-tieni post fil-mekkaniżmu ta' kaskata, id-dispożittiv jikkundanna lill-Unjoni għar-riżarċiment tad-danni subiti minħabba t-telf ta' opportunità li l-kuntratt qafas jiġi attribwit lilha bħala l-ewwel kontraent.

80 Permezz tat-tielet parti tar-raba' motiv tiegħu, l-EUIPO jsostni li l-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata jinkludi żball materjali, sa fejn jikkundanna mhux lill-EUIPO, iżda lill-Ujnoni għar-riżarċiment tad-danni subiti minn European Dynamics Luxembourg. Madankollu, skont l-Artikolu 115 u l-Artikolu 118(3) tar-Regolament Nru 207/2009, tali kundanna kellha ssir fil-konfront tal-EUIPO.

81 European Dynamics Luxembourg *et* qabelxejn isostnu li s-sentenza appellata stabbilixxiet sal-grad rikjest mil-liġi li ġew issodisfatti l-kundizzjonijiet li jagħtu lok għar-responsabbiltà tal-Unjoni. Sussegwentement, huma jikkonfermaw li ma kienet teżisti l-ebda kontradizzjoni bejn, minn naħa, il-punti 144, 146 u 150 tas-sentenza appellata u, min-naħa l-oħra, it-tieni punt tad-dispożittiv tagħha, peress li, għall-finijiet tar-riżarċiment tad-danni subiti minnhom minħabba telf ta' opportunità, jeħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni l-portata sħiħa li dan it-telf jista' jkollu, jiġifieri l-opportunità ta'

European Dynamics Luxembourg li tkun l-ewwel kontraenti f'kaskata. Fl-aħħar, ir-riferiment għall-Unjoni, fil-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, ma huwiex żbaljat, sa fejn l-Unjoni hija globalment responsabbli għall-istanzi ta' aġir illegali tal-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha.

Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

82 Fl-ewwel lok, jeħtieġ li jiġi eżaminat l-argument tal-EUIPO invokat b'mod sussidjarju fil-kuntest tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu.

83 Permezz tal-argument tiegħu, l-EUIPO essenzjalment isostni li fis-sentenza appellata la ġiet murija u lanqas motivata l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni kkonstatati mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tat-tieni kriterju ta' għoti u d-danni subiti minn European Dynamics Luxembourg naxxenti minn telf ta' opportunità.

84 Fiċ-ċirkustanzi odjerni, dan l-argument għandu jitqies bħala fondat.

85 Fil-fatt, minn naħa, kif ġie kkonstatat fil-punt 36 tas-sentenza odjerna, il-punti 53, 91 u 96 tas-sentenza appellata huma vvizzjati minn żball ta' liġi, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma kellha għalfejn tistabbilixxi l-ebda illegalità li tirriżulta minn ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet u ta' trasparenza kif ukoll minn żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-ewwel kriterju ta' għoti.

86 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 143 tas-sentenza appellata, li ma kienx possibbli li tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn in-nuqqasijiet ta' motivazzjoni li hija kienet ikkonstatat u d-danni invokati minn European Dynamics Luxembourg *et*.

87 B'hekk, l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni jippreżupponi l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-unika illegalità sostanzjali li tivvizzja l-evalwazzjoni tal-offerta ta' European Dynamics Luxembourg, ikkonstatata fil-punt 102 ta' dik is-sentenza, u t-telf ta' opportunità.

88 Issa, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tistabbilixxix sal-grad rikjest mil-liġi l-eżistenza ta' tali rabta kawżali. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ma kkonstatatx jekk u sa liema punt European Dynamics Luxembourg, fid-dawl tal-fatti odjerni u fl-assenza ta' nuqqasijiet oħra mwettqa mill-EUIPO, setgħet tiġi kklassifikata fl-ewwel post u tikseb il-kuntratt inkwistjoni.

89 Minn dan jirriżulta li peress li waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ma ġietx issodisfatta, it-talba għad-danni invokata minn European Dynamics Luxembourg *et* kellhiex tintlaqa' mill-Qorti Ġenerali.

90 Għaldaqstant, l-ewwel parti tar-raba' motiv tal-EUIPO hija fondata.

91 Peress li din il-parti tar-raba' hija fondata, ma hemmx lok li jiġu eżaminati t-tieni u t-tielet partijiet ta' din tal-aħħar.

Fuq l-annullament parzjali tas-sentenza appellata

92 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi fil-punti 53, 91 u 96 tagħha sa fejn il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tieni lment tat-tielet motiv tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza marbut mal-ewwel kriterju ta' għoti u d-disa' lment tal-ewwel parti tat-tielet motiv ta' dan ir-rikors marbuta tal-imsemmi kriterju ta' għoti.

93 Kif jirriżulta mill-punt 136 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ġġustifikat l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tinsab fil-punt 1 tad-dispożittiv ta' din tal-aħħar, abbażi tal-għadd ta' irregolaritajiet li hija kkonstatat, liema irregolaritajiet jivvizzjaw l-evalwazzjoni tal-offerta inkwistjoni fir-rigward tal-ewwel u t-tieni kriterji ta' għoti. Madankollu, minkejja li l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punti 53, 91 u 96 tas-sentenza appellata ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-irregolaritajiet ikkonstatati mill-Qorti Ġenerali fil-punti 86, 89, 95, 102 u 135 tas-sentenza appellata huma suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 111 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-annullament ta' din id-deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali. Minn dan isegwi li ma hemmx lok li jiġi annullat il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata.

94 Għall-kuntrarju, hemm lok li jiġi annullat il-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, li jikkundanna lill-Unjoni għar-riżarċiment tad-danni subiti minn European Dynamics Luxembourg abbażi tat-telf ta' opportunità ta' din tal-aħħar li tingħata l-kuntratt inkwistjoni bħala l-ewwel kontraenti f'kaskata sa fejn l-ewwel parti tar-raba' aggravju ġiet iddikjarata fondata.

95 Fid-dawl ta' dan l-annullament tas-sentenza appellata, għandhom jiġu annullati wkoll il-punti 4 u 5 tad-dispożittiv ta' din tal-aħħar li jirrigwardaw id-determinazzjoni tal-ammont pagabbli tal-kumpens.

96 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi annullat il-punt 6 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata li jirrigwarda l-ispejjeż.

Fuq ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali

97 Skont it-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar tista', fil-każ li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun tinsab fi stadju li tista' tiġi deċiża.

98 Dan huwa l-każ fil-kawża odjerna. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi eżaminata t-talba għad-danni mressqa minn European Dynamics Luxembourg *et* fil-kuntest ta' dan ir-rikors, maħsub għar-riżarċiment tad-danni subit minnhom minħabba telf ta' opportunità ta' European Dynamics Luxembourg li tingħata l-kuntratt qafas bħala l-ewwel kontraenti f'kaskata.

99 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-EUIPO jridu jiġu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri, l-illegalità tal-imġiba allegata fil-konfront tiegħu, ir-realtà tad-danni u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-imġiba allegata u d-danni invokati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Nikolaou vs Il-Qorti tal-Awdituri, C-220/13 P, EU:C:2014:2057, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata). Bl-istess mod, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex tkun tista' tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, id-danni għandhom ikun reali u ċerti u għandhom jirriżultaw b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir illegali tal-istituzzjonijiet (sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

100 Fi kwalunkwe każ, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-parti li tqajjem dubju dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni li għandha tipproduċi provi konklużivi dwar l-eżistenza kif ukoll dwar il-portata tad-danni li hija tinvoka kif ukoll dwar l-eżistenza ta' rabta suffiċjentement diretta ta' kawża u effett bejn l-aġir tal-istituzzjoni inkwistjoni u d-danni allegati (sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

101 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li minn qari tar-rikors promotur ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, jirriżulta li dan tal-aħħar ma jissodisfax manifestament ir-rekwiżiti stabbiliti minn din il-ġurisprudenza. Fil-fatt, European Dynamics Luxembourg *et*, fost affarijiet oħra, talbu li jiġi riżarċit il-benefiċċju gross ikkalkulat li European Dynamics Luxembourg setgħet tikseb li kieku l-kuntratt inkwistjoni ngħata lilha, filwaqt li jillimitaw ruħhom għas-sempliċi allegazzjoni li ġew "imċaħħda b'mod irrimedjabbli mill-għoti tal-kuntratti inkwistjoni". Madankollu huma ma stabbilixxewx jekk u sa liema punt, fid-dawl tal-fatti odjerni u fl-assenza ta' nuqqasijiet oħra mwettqa mill-EUIPO, European Dynamics Luxembourg setgħet tiġi kklassifikata fl-ewwel post u tikseb il-kuntratt inkwistjoni. Għaldaqstant huma la stabbilixxew ir-realtà tad-danni u lanqas ir-rabta kawżali bejn l-aġir allegat u dannu allegat.

102 Fi kwakunkwe każ, tali talba għad-danni tista' tkun ibbażata biss fuq l-illegalità mwettqa mill-EUIPO fl-evalwazzjoni tat-tieni kriterju ta' għoti, ikkonstatata fil-punt 102 tas-sentenza appellata. Issa, anki li kieku l-offerta ta' European Dynamics Luxembourg kisbet il-punti disponibbli kollha abbażi tat-tieni kriterju ta' għoti, hija ma kinitx ser tikklassifika f'pożizzjoni għola. Fil-fatt, anki li kieku din l-offerta kienet ingħatat il-punteġġ massimu attribwibbli abbażi tat-tieni kriterju ta' għoti, din tal-aħħar xorta kienet tikseb punteġġ finali inferjuri għall-punteġġi finali attribwiti lill-offerti li ġew ikklassifikati fl-ewwel u fit-tieni post.

103 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għad-danni ppreżentata minn European Dynamics Luxembourg *et* hija miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

104 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun infondat jew meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

105 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tal-imsemmija regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skont l-Artikolu 138(3) tal-istess regoli, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

106 Peress li l-appell tal-EUIPO ġie parzjalment milqugħ u parzjalment miċħud, jeħtieġ li l-EUIPO u European Dynamics Luxembourg *et* jiġu kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mal-appell odjern.

107 Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ewwel istanza, peress li r-rikors ġie parzjalment milqugħ u parzjalment miċħud, jeħtieġ ukoll li European Dynamics Luxembourg *et* kif ukoll l-EUIPO jiġu kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Ottubru 2015, European Dynamics Luxembourg *et* vs UASI (T-299/11, EU:T:2015:757), hija annullata sa fejn,

– **fil-punt 2 tad-dispożittiv, hija tikkundanna lill-Unjoni Ewropea għar-riżarċiment tad-danni subiti minn European Dynamics Luxembourg SA minħabba t-telf ta' opportunità li tingħata l-kuntratt qafas bħala l-ewwel kontraenti f'kaskata, u**

– **fil-punti 4 u 5 tad-dispożittiv, hija tiddeċiedi li l-partijiet għandhom jittrażmettu lill-Qorti Ġenerali l-ammont ta' kumpens ikkwantifikat, stabbilit bi qbil komuni, jew, fin-nuqqas ta' qbil, dawn tal-aħħar għandhom iressqu quddiem il-Qorti Ġenerali t-talbiet tagħhom marbuta mal-ammont ta' kumpens ikkwantifikat.**

2) **Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.**

3) **It-talba għar-riżarċiment tad-danni mressqa minn European Dynamics Luxembourg SA, Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE u European Dynamics Belgium SA fil-Kawża T-299/11 hija miċħuda.**

4) **L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) kif ukoll European Dynamics Luxembourg SA, Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE u European Dynamics Belgium SA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom marbuta mal-proċedura tal-appell u mal-proċedura tal-ewwel istanza.**

Firem